# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## ta' l-10 ta' April 2008

## li tikkonċerna in-noninklużjoni tar-rotenone, estratt mill-equisetum u ċ-chinin-hydrochlorid fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi attivi

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1293)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/317/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jipprevedi li Stat Membru jista', matul perjodu ta' 12-il sena wara n-notifika ta' din id-Direttiva, jawtorizza t-tqegħid fis-suq ġewwa t-territorju tiegħu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom sustanzi attivi li ma jkunux jinsabu fl-Anness I ta' dik id-Direttiva li jkunu diġà qegħdin fis-suq sentejn wara n-notifika, filwaqt li dawk is-sustanzi qed jiġu eżaminati b'mod gradwali fil-qafas ta' programm ta' ħidma.

(2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1112/2002 [2] u (KE) Nru 2229/2004 [3] jistipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-raba' stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE.

(3) Rotenone, estratt mill-equisetum u chinin-hydrochlorid huma sustanzi eletti fil-programm tar-raba' stadju.

(4) L-uniċi notifikanti għal rotenone, estratt mill-equisetum u chinin-hydrochlorid għarrfu lill-Kummissjoni fil-5 ta' Jannar, il-15 ta' Frar 2007 u l-20 ta' Ġunju 2007 rispettivament, li ma baqgħux jixtiequ jieħdu sehem fil-programm ta' ħidma għal dawn is-sustanzi attivi, u għal-hekk mhux se jintbagħat iktar tagħrif. Minħabba f'hekk, dawn is-sustanzi attivi ma għandhomx jiġu inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(5) Għal rotenone ġiet ippreżentata u evalwata informazzjoni mill-Kummissjoni flimkien ma' esperti minn Stati Membri li wriet il-ħtieġa għall-issoktar ta' l-użu tas-sustanzi kkonċernati. Għaldaqstant huwa ġustifikat fiċ-ċirkustanzi attwali li għal ċerti użi esenzjali li għalihom mhemm l-ebda alternattiva effiċjenti tingħata estensjoni tal-perjodu għall-irtirar ta' l-awtorizzazzjonijiet u fl-istess waqt jiġu previsti kondizzjonijiet stretti mmirati li jimminimizzaw kull riskju possibbli.

(6) Għas-sustanzi attivi li għalihom hemm biss perjodu qasir ta' notifika bil-quddiem għall-irtirar ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi, huwa raġonevoli li jingħata perjodu ta' grazzja għar-rimi, il-ħażna, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-ħażniet eżistenti ta' mhux iktar minn tnax-il xahar sabiex il-ħażniet eżistenti jkunu jistgħu jintużaw f'mhux iktar minn staġun wieħed ieħor ta' koltivazzjoni. F'każijiet fejn ikun previst perjodu itwal ta' notifika bil-quddiem, dan il-perjodu jkun jista' jitqassar sabiex jiskadi fl-aħħar ta' l-istaġun tal-koltivazzjoni.

(7) Din id-deċiżjoni hija bla ħsara għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal dawn is-sustanzi attivi skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 (2) tad-Direttiva 91/414/KEE fid-dawl ta' inklużjoni possibbli fl-Anness I tagħha.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-sustanzi attivi elenkati fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni ma għandhomx jiġu inklużi fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-awtorizzazzjonijiet għal prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom ikun hemm is-sustanzi attivi elenkati fl-Anness I, jiġu ritirati sa mhux aktar tard mill-10 ta' Ottubru 2008;

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/45/KE (ĠU L 94, 5.4.2008, p. 21).
[2] ĠU L 168, 27.6.2002, p. 14.
[3] ĠU L 379, 24.12.2004, p. 13. Ir-Regolament kif menedat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1095/2007 (ĠU L 246, 21.9.2007, p. 19).

(b) l-ebda awtorizzazzjoni għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi attivi mhi se tingħata jew tiġġedded mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

1. Permezz tad-deroga mill-Artikolu 2, Stat Membru elenkat fil-kolonna B ta' l-Anness II jista' jippreserva awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi elenkati fil-kolonna A ta' dak l-Anness għall-użi li huma elenkati fil-kolonna Ċ ta' dak l-Anness sat-30 ta' April 2011, sakemm jikkonforma mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) jiżgura li ma jiġi kkawżat l-ebda effet ta' ħsara għas-saħħa ta' l-annimali jew il-bnedmin u l-ebda influwenza inaċċettabli fuq l-ambjent;

(b) jiżgura li prodotti ta' protezzjoni ta' pjanti bħal dawn li jibqgħu fis-suq ikunu ttikkettati mill-ġdid sabiex jaqblu mal-kondizzjonijiet ta' użu ristrett;

(ċ) jimponi l-miżuri kollha ta' mitigazzjoni tar-riskju sabiex jitnaqqas kull riskju possibbli;

(d) jiżgura li qegħdin jitfittxu b' mod serju alternattivi għal dawk l-użi.

2. L-Istati Membri li jagħmlu użu mid-deroga prevista fil-paragrafu 1, għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda li jaqgħu taħt il-paragrafu 1, u, b'mod partikolari dawk li jaqgħu taħt il-punti (a) sa (d), sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena.

*Artikolu 4*

Kull perjodu ta' grazzja li jingħata mill-Istati Membri skond l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE għandu jkun qasir kemm jista' jkun.

Għall-awtorizzazzjonijiet li jiġu rtirati skond l-Artikolu 2, dak il-perjodu għandu jiskadi fl-10 ta' Ottubru 2009 bħala limitu massimu;

Għall-awtorizzazzjonijiet li jiġu rtirati skond l-Artikolu 3, għandu jiskadi mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2011.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 10 ta' April 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**Lista ta' sustanzi attivi li mhumiex inklużi bħala sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE**

Rotenone

Estratt ta' l-equisetum

Chinin hydrochloride

*ANNESS II*

**Lista ta' awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3 (1)**

| Kolonna A | Kolonna B | Kolonna Ċ |
|---|---|---|
| Sustanza attiva | Stat Membru | Użu |
| Rotenone | Franza | Tuffieħ, lanġas, ħawħ, ċirasa, dwieli u patata.<br>Limitat għal utenti professjonali b'tagħmir protettiv xieraq. |
| Rotenone | L-Italja | Tuffieħ, lanġas, ħawħ, ċirasa, dwieli u patata.<br>Limitat għal utenti professjonali b'tagħmir protettiv xieraq. |
| Rotenone | Ir-Renju Unit | Tuffieħ, lanġas, ħawħ, ċirasa, pjanti ornamentali u patata.<br>Limitat għal utenti professjonali b'tagħmir protettiv xieraq. |